# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 ta' April 2023**

**Rikors Nru. 442/2019 GM**

**Mark Vassallo Cesareo**
**(detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 38284 (G))**

**vs**

**Pamela Vella (K.I. Nru 0098482M) u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2020 ġew nominati Dr Raisa Colombo u l-PL Gillian Muscat bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Pamela Vella; u b'digriet tad-19 ta' Awwissu 2020 ġie nominat Dr Martin Fenech kuratur deputat minflok Dr Raisa Colombo; u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2022 Pamela Vella assumiet l-atti tal-kawża minflok il-kuratur deputat Dr Martin Fenech, b'Dr Katia Mercieca bħala mandatarja speċjali tagħha.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Mark Vassallo Cesareo li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:

1. Għal numru ta' snin, sal-ħabta tal-aħħar ta' 2007 l-attur kien f'relazzjoni mal-konvenuta, Pamela Vella.

2. Fiż-żmien meta l-partijiet kienu għadhom f'relazzjoni flimkien, l-attur kien avvanza diversi somom b'self lill-konvenuta, f'dati differenti, u dan fuq rikjesta tal-konvenuta stess sabiex din tkun f'pożizzjoni li twettaq u tikkompleta proġett ta' żvilupp fl-indirizz Sant'Antnin, 77, Triq Oscar Zammit fl-Imsida skont il-permessi bin-numru PA/02399/13 u PA/03303/5 (vide "Dok. MVC 01"). L-attur jiċċara illi din l-aħħar applikazzjoni addirittura saret f'isem l-attur stess, iżda l-proprjeta' in kwestjoni tappartjeni lill-konvenuta u l-proġett twettaq u ġie kompletat minnha.

3. L-attur spiċċa sellef lill-konvenuta ammont kumplessiv ta' mija u tnax-il elf seba' mija u dsatax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€112,719.65), rappreżentanti somom mitluba u mgħoddija b'self lill-konvenuta sabiex ikopru inter alia spejjeż ta' bennejja u kuntratturi oħra, materjal tal-bini, permessi maħruġa mill-Kunsill Lokali tal-Imsida u drittijiet ta' nutara, fost numru ta' spejjeż ulterjuri (vide prospett anness u mmarkat bħala "Dok. MVC 02" - liema prospett huwa msejjes fuq kalkoli li kienet wettqet il-konvenuta stess).

4. F'dan ir-rigward, jiġi rilevat illi qabel ma ġie awanzat kwalsiasi ammont mill-attur kif hawn premess, il-partijiet kellhom ftehim verbali illi kull somma li talvolta segħtet tiġi mislufa lill-konvenuta mill-attur kellha tiġi ritornata appena l-proġett jiġi kompletat. Madankollu, anke wara li ġie kompletat l-imsemmi proġett u minkejja varji nterpellazzjonijiet bonarji, r-rikorrenti baqa' qatt ma' rċieva flusu lura, u dan nonostante li, minn informazzjoni li għandu s-Sur Vassallo Cesareo llum-il ġurnata, l-konvenuta addirittura qed tagħmel qligħ mill-blokka li hija bniet hekk kif għandu jirriżulta li din qed tirċievi kera mensili mill-appartamenti li l-bini tagħhom ġie ffinanzjat mill-attur.

5. Għal kull buon fini, jingħad ukoll illi sa dan l-aħħar il-konvenuta kienet wiegħdet lir-rikorrenti li hija kienet qieghda f'negozjati sabiex tbiegħ appartament li hija kellha ġewwa s-Swieqi, b'dan illi kif it-trasferiment ta' din il-proprjeta' kien ser iseħħ, hija kienet ser tirrifondi l-ammont kumplessiv li avvanzalha r-rikorrenti. Minkejja dan, u għalkemm

ir-rikorrenti huwa nfurmat illi l-konvenuta biegħet l-appartament surriferit, din għadha m'għamlet ebda' ħlas lir-rikorrenti.

6. Inoltre, u kif ser jiġi ppruvat fil-perkors ta' dawn il-proċeduri, filwaqt li issa għaddew xhur sħaħ fejn il-konvenuta baqgħet twiegħed illi kienet sejra tħallas lura din is-somma, mad-daqqa u l-ħin beda jidher li din kellha ripensament u saħansitra bdiet thedded illi jekk l-attur ma kienx ser ikun dispost jirrinunzja għat-talba tiegħu, jew almenu parti sostanzjali minnha, hija kienet sejra tikxef xi informazzjoni - allegatament kunfidenzjali - li din rnexxielha tottjeni b'mod illegali, liema informazzjoni skont il-konvenuta, tikkonsisti f'data li ttieħdet mill-mobile personali tar-rikorrenti.

7. Agħar minn hekk, l-attur sar jaf illi l-konvenuta kienet beħsiebha titlaq minn Malta sabiex tmur tgħix għal kollox ġewwa l-Amerika, bir-riskju illi l-konvenuta tevadi l-obbligi tagħha a preġudizzju tad-drittijiet u l-pretensjonijiet tal-attur. Kien proprju għalhekk illi l-attur ressaq rikors b'urġenza sabiex jitħalla jintavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju (Nru. 522/2019 LM) nhar is-17 ta' April, 2019, minkejja illi r-reġistru kien magħluq għall-ferjat tal-Għid (kopji tar-rikors relattiv u l-mandat ta' sekwestru surriferit hawn annessi u mmarkati bħala "Dok. MVC 03 u "Dok. MVC 04" rispettivament). Din it-talba ġiet milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti.

8. Il-konvenuta għadha sal-lum inadempjenti u l-attur qiegħed għalhekk jipproċedi billi jintavola l-proċeduri appożiti ai termini tal-Artikolu 834 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta in segwitu għall-preżentata tal-mandat kawtelatorju msemmi, u dan fit-terminu statutorju li tipprovdi l-liġi;

Talab lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara lill-konvenuta debitriċi versu r-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' mija u tnax-il elf seba' mija u dsatax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€112,719.65), rappreżentanti somom mislufa mill-attur lill-konvenuta sabiex ikopru diversi spejjeż relatati mat-twettiq ta' proġett ta' żvilupp ġewwa Sant' Antnin, 77, Triq Oscar Zammit fl-Imsida;

ii. Tiddikjara li l-konvenuta hija tant ieħor debitriċi versu r-rikorrenti għal kwalsiasi interessi li akkumulaw fuq l-ammont ta' mija u tnax-il elf seba' mija u dsatax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€112,719.65) kif misluf lilha mill-attur mid-data tas-self sad-data tal-pagament lura effettiv tal-istess;

iii. Tillikwida l-interessi dovuti lill-attur skont il-paragrafu preċedenti;

iv. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont kumplessiv ta' mija u tnax-il elf seba' mija u dsatax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€117,719.65) flimkien ma' kwalunkwe interessi li ddekorrew fuq l-istess sad-data tal-pagament effettiv hekk kif likwidati fit-tielet talba;

B'riżerva għal kwalsiasi dritt ulterjuri spettanti lill-attur kontra l-konvenuta u bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru. 522/2019 LM u r-rikors kontestwali ippreżentati fis-17 ta' April, 2019 mill-attur, kontra l-konvenuta illi minn issa hija nġunta għas-subizzjoni, u bl-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-ħlas effettiv.

Rat ir-Risposta ta' Dr Raisa Colombo u l-PL Gillian Muscat bħala kuraturi lil Pamela Vella, li permezz tagħha eċċepew illi ma kinux edotti mill-fatti.

Rat ir-Risposta ta' l-Avukat Katia Mercieca bħala mandatarja speċjali ta' Pamela Vella, li permezz tagħha eċċepiet illi :-

1. Mingħajr preġudizzju għal kull kunsiderazzjoni rigward il-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan peress illi l-ammont pretiż mir-rikorrent fit-talba tiegħu ma huwiex dovut u dan stante illi l-maġġior parti tal-pagamenti li saru mill-istess attur, ġew debitament imħallsa lura mill-intimata filwaqt li ħlasijiet oħra allegatament magħmula minnu, effettivament saru direttament minnha lil terzi.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-fatti.**

Il-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien minn April 2014 sal-aħħar tas-sena 2017. L-attur huwa direttur tal-kumpanija *Viroc International* li tieħu ħsieb *public procurement* filwaqt li l-konvenuta taħdem bħala *flight attendant* u għalhekk kienet tkun ħafna barra minn Malta. Illum il-ġurnata l-konvenuta tgħix u taħdem fl-esteru. Fl-aħħar tas-sena 2017 ir-relazzjoni ta' bejniethom intemmet għaliex l-attur kellu relazzjoni moħbija ma' terzi, filfatt dan jirriżulta minn *chat* fuq il-*mobile* li ppreżenta l-attur stess[1].

M'hemmx kontestazzjoni illi l-attur għamel ħlasijiet fuq il-proġett fil-proprjeta` tal-konvenuta fl-indirizz Sant'Antnin, 77, Triq Oscar Zammit, Imsida, li kienet ta' omm il-konvenuta, u li kkonvertiha fi blokka appartamenti. L-attur qed jitlob is-somma ta' €112,719.65 għall-ħlas ta' bennejja, kuntratturi, materjal u permessi maħruġa. Il-konvenuta taqbel li l-attur tassew ħareġ dan l-ammont, iżda tallega li ħallsitu lura parti minnu.

In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet hu dwar l-ammont li ħallsitu lura u allura għall-bilanċ li għadu dovut lill-attur.

Skont l-attur il-bilanċ huwa ta' €112,719.65 rifless f'dok MVC02[2], ikkomputat mill-istess konvenuta li kienet ħejjiet waqt il-kors tax-xogħlijiet; a bażi taċ-ċekkijiet maħruġa mill-attur stess. Dan ikkonfermatu l-konvenuta stess fin-nota ta'

[1] Dok MVC3 a fol 487.
[2] A fol 20.

sottomissjonijiet tagħha. Il-konvenuta xehdet li ħallset lura lill-attur ammont ieħor fi flus kontanti b'mod li l-bilanċ huwa ta' €31,580. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta tgħid li l-bilanċ huwa ta' €29,909.50 għaliex waqt ix-xhieda tagħha nsiet iżżid ħlas lill-attur ta' €800 oħra.

Skont l-attur, talbitu jissieħeb magħha fil-proġett kemm billi ma kellhiex kapital biżżejjed kif ukoll għal raġunijiet loġistiċi billi kienet taħdem barra minn Malta. Il-konvenuta tirribatti li ma kellha bżonn l-ebda għajnuna finanzjarja għaliex dejjem ħadmet u kellha introjtu sostanzjali minn paga tajba ħafna;  kważi €4,000 *tips* fix-xahar; kif ukoll dħul ta' kera t'appartamenti li kellha kemm Malta kif ukoll fid-Dubai. Kienet ħadet ukoll faċilita` bankarja mill-HSBC. Tgħid illi kien l-attur li xtaq jidħol f'dan in-negozju għax ma kellux salarju tajjeb daqs tagħha. Waqt ix-xhieda tagħha wegħdet li tesebixxi l-kuntratt tax-xogħol sabiex turi s-salarju tagħha, iżda dan m'għamlitux u naqset ukoll milli tesebixxi xi tip ta' prospett tal-kont tal-bank li fih kienet tidħol il-paga tagħha.

Jirriżulta illi fuq il-konvenju tal-proprjeta` u l-arja tagħha kienu deheru ż-żewġ partijiet iżda fil-kuntratt finali nxtrat mill-konvenuta waħidha, li raddet lura d-depożitu li kien ħallas l-attur.[3]  Skont il-konvenuta, dan ġara billi dehrilha li l-attur ma kienx qed jirsisti biżżejjed allura kien ikun aħjar li l-proġett ikun f'idejha biss.

Ħu l-attur huwa Perit arkitett u l-attur kien inkarigah minn dan il-proġett imma mingħajr ħlas. Skont l-attur, wara ftit taż-żmien il-konvenuta ma għoġobiex il-pass li bih kien miexi x-xogħol taħtu u talbet li jiġi mqabbad Perit ieħor avolja dan kien

---

[3] L-attur introduċiha mal-perit Andre' Pizzuto u Mark Arrigo. Il-permessi ta' dan l-iżvilupp PA/03303/15 '*Amendments to PA 2399/13:to convert house into apartment block consisting of three apartments and a penthouse, including change in layouts and elevation'* huma fuq isem l-attur[3] peress illi hi kienet tkun aktar barra milli Malta.

diġa` għamel diversi xogħlijiet. Dan jikkonfermah il-Perit Andre` Pizzuto, il-Perit li ġie mqabbad wara. Il-konvenuta tgħid illi kien hu l-attur li ma xtaqx ikompli peress li l-attur kien ħareġ mill-proġett.

Il-Perit Pizzuto xehed li "*l-intendiment kien li hi l-parti tagħha, il-kontribut tagħha tal-proġett, kien ħa jkun l-art, u din id-dar iġifieri u tiegħu kienet se tkun il-cash contribution fil-proġett*"[4]; u li kellhom ikunu sħab ugwali.  Meta kien ikollu laqgħat fuq il-proġett kienu jkunu preżenti t-tnejn li huma.

L-attur jgħid illi d-deċiżjonijiet ħadithom kollha l-konvenuta iżda peress li hija ma kinitx tkun ħafna Malta kien jieħu ħsieb kollox hu bħal jiltaqa' mal-bennejja, periti, u japplika għal permessi. Kien jgħaddi fuq is-sit darbtejn kuljum qabel jidħol għax-xogħol u wara li jitlaq. Kien ikun hemm zitu fil-karozza miegħu għax ma ssuqx u kienet tistennih fil-karozza. L-attur ma pproduċiex ix-xhieda ta' zitu. Jgħid illi jekk ma kienx jagħmel kif tgħid il-konvenuta kienet tispiċċa tirrabja u tinqala' ġlieda; għalhekk kien jipprova jikkuntentaha kemm jista'.

Il-Perit Pizzuto jgħid li meta l-partijiet ma baqgħux flimkien fl-aħħar tas-sena 2017 il-progett baqgħet tmexxih il-konvenuta waħedha. Bħala ħlas lilu, fil-bidu l-*invoices* kien joħroġhom f'isem it-tnejn. Esebixxa tlett *invoices*. Dik datata 16 ta' Lulju 2015 li tgħajjat liż-żewġ partijiet kien ħallasha l-attur bi flus kontanti meta kienu waqt laqgħa d-dar tagħhom f'Baħar iċ-Ċagħaq għall-ammont ta' €590[5].

---

[4] Fol 92E.
[5] Fol 132.

Kien hemm kont ta' €4,369.02 li tħallsu lill-Awtorita` tal-Ippjanar u minn verifiki li għamel il-Perit ta' messaġġi fuq *what's app* irriżulta illi kienu tħallsu mill-attur.[6] L-aħħar kont kien tħallas mill-konvenuta.

Il-Perit Annalisa Lombardi prodotta mill-attur, hija ħabiba tal-partijiet. Taf li l-attur kien silef xi flus lill-konvenuta biex jitkompla u jitlesta l-proġett tal-Imsida meta kienu għadhom flimkien iżda ma tafx l-ammont. Taf illi meta ma baqgħux flimkien, il-konvenuta ma riditx trodd lura l-ammont misluf.

Il-Perit Mark Arrigo prodott ukoll mill-attur jgħid illi kien tqabbad mill-attur sabiex jieħu ħsieb l-*structure engineering* tal-blokka. Jikkonferma illi l-attur kien qed jgħin lill-konvenuta b'mod monetarju u li kien jieħu ħsieb il-loġistika peress illi hi kienet tkun barra minn Malta. Jixhed illi l-kontijiet tal-bennejja kienu jgħaddu lilu u lill-Perit Pizzuto biex jiċċertifikaw ix-xogħlijiet fuq is-sit u kien hemm kontijiet li ħallashom l-attur fl-uffiċċju tiegħu. L-ammonti mislufa jgħid li kienu bejn mija u ħmistax u mija u għoxrin elf. Jaf l-ammonti għax huwa ħabib tal-attur u ra wkoll il-pagamenti għaddejjin, għalkemm mhux kollha għax kien hemm xi kuntratturi oħra li ma kienx involut magħhom hu. Jaf li l-proprjeta` kienet f'isem Pamela Vella u anke l-*loan* imma l-attur kien qed jgħinha finanzjarjament. Sa fejn jaf hu, il-flus qatt ma tħallsu lura.

L-attur esebixxa kopji tal-mamma taċ-ċekkijiet li ħallas bihom lill-bennejja, l-*electrician,* il-Kunsill Lokali Imsida, *suppliers,* materjal kif ukoll ċekkijiet magħmulin lill-konvenuta f'isimha dirett. Il-ktieb taċ-ċekkijiet jgħajjat lill-attur u

[6] Dok AP2 a fol 139 u Dok AP4 a fol 187 *et seq*.

d-dati jvarjaw mit-22 ta' Frar 2017 sat-30 ta' Ottubru 2017. It-total tagħhom jammonta għal €81,741.85.[7]

Mill-lista li fuqha qed jibbaża t-talba tiegħu, l-attur ma rnexxielux iġib prova ta' ħlas ta' erba' partiti: *i) €1,900 Mark Arrigo fee, ii) €450 Manwel for wall erection, iii) €5,000 cash, iv) €5,000 cheque.*

Il-pagament ta' €23,581.15 lil Iperceramica jidher li tħallas b'ċekk tal-kumpanija tal-attur bl-isem ta' Viroc, u mhux mill-kont personali tiegħu. L-attur esebixxa *email* li bagħat lill-konvenuta fid-9 ta' Lulju 2018 fejn jgħidilha sabiex tibgħatlu l-"*invoice using a Viroc Cheque as I need to account for it. It was chq. No. 1530 dated 22/03/17 for Eur23,581.15 payable to Iperceramica*".[8] Dan iżda ma jfissirx li l-attur mhuwiex intitolat għal dan l-ammont billi xorta kien obbligat jirrifondi lill-kumpanija, li wara kollox jidher – u dan ma ġiex ikkontestat – li hija tiegħu stess.

L-attur jixhed diversi drabi illi meta ma baqgħux f'relazzjoni flimkien, il-konvenuta kienet theddu li mhix se tħallsu iżda mbagħad kienu qablu fuq l-ammont u anke għamlet lista l-konvenuta stess. U kienet intrabtet li tibda tħallsu b'€2000 f'April 2018 għaliex kellha konvenju dwar bejgħ t'appartament fis-Swieqi. Fil-bidu tas-sena 2018 ma kienx qiegħed f'qagħda finanzjarja tajba u xtaq illi tħallsu minnufih u talabha tieħu loan mal-bank sabiex tkun tista' tħallsu l-ammont kollu. Dan kollu huwa dettaljat f'email li kien bagħtilha fl-4 ta' Jannar 2018[9]. Jgħid illi kienet ċemplitlu u m'aċċettatx. Sena wara kien bagħtilha *email*

[7] Dok Y fol 95 – fol 131.
[8] Dok P1 a fol 62.
[9] Dok P4 a fol 75.

oħra li fiha ssuġġerielha li biex ma jkunx hemm problemi mal-Bank minħabba li kellha ttih ammont kbir ta' flus setgħet tagħmel bank draft mill-bank tagħha għal tiegħu peress li kienet se tbigħ appartament.[10]

Eventwalment il-konvenuta qatgħet kull kuntatt mal-attur u l-flus baqgħet qatt ma tathomlu. Kien qabbad lill-avukat tiegħu jibgħat *email* biex jaraw kif se tkun il-pjan ta' ħlas imma jgħid illi wara ċemplitlu tgħajru u thedded li mhix se tħallsu. Wara li kkalmat kienet reġgħet ċemplitlu u qaltlu li kellha tħallsu sa Novembru 2018 jew sal-aħħar tas-sena peress li kienet se tiffirma konvenju. Kienet tgħidlu li se tiġi Malta minħabba l-konvenju imma dejjem kienet iġġib skużi u tipposponi sakemm qalet li kellha tiġi fl-Għid tas-sena 2019. Kumbinazzjoni skopra illi l-kuntratt finali kienet iffirmatu f'Ottubru jew Novembru 2018 bi prokura mogħtija lil oħtha.

Jgħid li anke meta ma baqgħux flimkien xorta baqa' jgħinha u anke sellifha €5,000 oħra. F'April 2019 irnexxilhom jiltaqgħu u kienet qaltlu li se ttih €50,000 kontanti u kellu jirrinunzja għall-bqija. Hedditu li kienet se tikxef xi informazzjoni fuqu li ġabitha b'mod illegali permezz ta' ħbiberija mal-imgħallem tagħha li kien s-sid ta' kumpanija ta' telekomunikazzjoni. B'xi mod kienet iħħekkjat il-mobajl u l-kompjuter tiegħu. Filfatt qratlu messaġġi privati ta' bejnu u bejn il-ħbieb u anke bejn is-sieħba kurrenti tiegħu. Il-konvenut jgħid li stqarret li l-intenzjoni tagħha hija li trid tirrovinah u ma tistrieħx qabel tagħmel dan.

10 Dok P5.

Il-konvenuta tixhed illi r-relazzjoni ntemmet għaliex l-attur ittradiha u kellu relazzjoni ma' tfajla oħra. Tgħid illi kien hemm prospett ta' żwieġ u kienu anke ħadu l-għerusija. Kien għalhekk li kienu ddiskutew il-possibilta` li jagħmlu l-proġett flimkien u mhux għax kellha bżonnu. B'danakollu l-Qorti tinnota li jirriżulta mill-atti tal-kawża illi l-proġett beda jsir fil-bidu nett tar-relazzjoni tagħhom u mhux wara li ħadu l-għerusija.

Il-konvenuta kompliet tixhed li meta rat li l-attur ma kienx jagħti attenzjoni biżżejjed lill-proġett iddeċidiet li tagħmlu waħedha billi kien qed ikollhom ħafna tilwim minħabba f'hekk u ma xtaqtitx li jikkumplika r-relazzjoni tagħhom. Tgħid li l-attur għenha finanzjarjament biss għal gwadann personali tiegħu. Tgħid li kkonvinċiha sabiex tgħid lill-ħaddiema kollha nvoluti fil-proġett biex il-fatturi u rċevuti jinħarġu fuq il-kumpanija tiegħu sabiex ikun jista' jitlob ir-rifużjoni tal-VAT liema ammonti kien iżommhom hu. B'danakollu, jirriżulta mill-atti li l-unika fattura li hemm fuq il-kumpanija tal-attur hija dik ta' Iperceramica ammontanti għal €23,581.15. F'dan ir-rigward, l-attur jispjega illi *business to business* ma titħallasx taxxa fuq il-valur miżjud u l-konvenuta kienet qaltlu kif jista' jgħinha biex tħallas ammonti anqas u għalhekk li pagament wieħed ħareġ mill-kumpanija tiegħu ħalli x'ħin tiġi biex tħallsu lura tiffranka t-18% l-VAT ukoll. Ċjoe' għamel hekk biex jgħin lill-konvenuta u mhux biex jiggwadanja hu.

Il-konvenuta tispjega illi l-paga tagħha fis-settur tal-avjazzjoni minn dejjem kienet tajba u ma kellhiex bżonn il-flus tal-attur biex tkompli l-proġett. Meta bdiet ir-relazzjoni tagħha mal-attur kien diġa` kellha żewġt appartamenti f'Malta, wieħed is-Swieqi li kienet tikrih €1,000 – €1,350 u ieħor Spinola jinkera €3,500; u tnejn

oħra f'Dubai li wieħed minnhom kienet biegħetu f'Mejju 2017[11] u l-ieħor kienet tikrih għal €1,000. Il-konvenuta tispjega illi meta biegħet il-flat ta' Dubai kienet daħlet Malta b'€60,000 kontanti u l-attur kien wissiha li illegali u li mhux sigur li tivvjaġġa b'dak l-ammont kbir ta' flus. Aċċennat għal dan il-fatt biex turi illi kien ikollha flus kontanti f'idejha sabiex tagħmel il-pagamenti. Tgħid li l-flus użathom biex tħallas il-ħaddiema u l-fornituri tal-materjal. Tistqarr ukoll li meta l-attur ħareġ xi pagamenti dejjem ħallsitu lura jew mill-faċilita` ta' self li kellha mal-HSBC u anke mill-introjtu tagħha. L-attur jiċħad li qatt ma rċieva flus kontanti mingħandha.

Fix-xhieda tagħha, il-konvenuta tat ħafna dettalji fuq fatti mhux daqstant relevanti għall-każ. Min-naħa l-oħra, dwar il-fatti rilevanti kienet xi ftit jew wisq evażiva. Dwar il-pagamenti lill-attur xehdet illi kienet tħallsu f'kontanti mill-flus li kienet iddaħħal Malta u aktar tard xehdet illi kienet tħallsu mill-faċilita` bankarja illi kellha iżda ma ressqitx provi dwar dan.

Waqt il-kontro-eżami, kkontradixxiet lilha nnifisha billi qalet illi l-limitu ta' kontanti ta' €10,000 li tista' ddaħħal Malta dejjem żammitu mentri qabel kienet xehdet li daħħlet €60,000 meta biegħet l-appartament ta' Dubai. Xehdet ukoll illi daħħlet flus Malta permezz ta' trasferimenti minn bank barrani għal bank Malti iżda ma ġabet l-ebda rendikont bankarju in sostenn dan. Anzi xehedet illi ma tantx tmur tajjeb mal-banek Maltin għax joħolqu problemi bla bżonn.

Il-konvenuta pproduċiet bħala xhud lil nannuha, William Anastasi li xehed li kien ħareġ ċekk ta' €10,000 sabiex Pamela tkun tista' tħallas lill-attur. Mistoqsi waqt il-

[11] Fol 363.

kontro-eżami jekk iċ-ċekk ħariġx f'isem l-attur direttament, dan wieġeb illi kien f'isem il-konvenuta u li huwa personalment qatt m'għamel pagamenti lill-attur.[12] Iċ-ċekk inħareġ fit-30 t'Ottubru 2017 u ġie msarraf dakinhar stess.[13] Din mhix prova ta' pagament.

Il-konvenuta pproduċiet ukoll bħala xhieda l-bennej, il-*plumber* u *electrican* li ħadmu fuq il-proġett u xehdu li dejjem il-konvenuta kienet tgħaddilhom il-ħlas.[14]

Il-konvenuta esebiet żewgt ċekkijiet indirizzati lill-attur. Wieħed ta' €800 datat 25 ta' Novembru 2017[15] u ieħor ta' €10,000 datat 6 ta' Diċembru 2017[16]. Tgħid illi dawn l-ammonti kienu sabiex tirrifondi lura parti mill-bilanċ lill-attur. L-attur jirribatti dan kollu billi jgħid illi dawk kienu ħlasijiet ta' pagamenti preċedenti u mhux għal dawk li qed jitlob f'dawn il-proċeduri. Lanqas din ma hija prova ta' ħlas.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet Legali.**

F'kawżi għall-ħlas ta' allegat dejn, il-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu jaqa' fuq l-attur. Ġaladarba jressaq din il-prova, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jipprova l-ħlas:

> "Illi bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-hlas. Hu biss meta tigi

[12] Fol 318 et seq.
[13] Dok WA2 a fol 397.
[14] Fol 452 u fol 474.
[15] Fol 350.
[16] Fol 351.

> realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-principju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, *cioe`*, l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju *actore non probante reus absolvitur*" - **Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**, Qorti Civili, Prim' Awla, per Imħ. Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970".[17]

Sintendi, l-aqwa prova tal-ħlas issir permezz tar-riċevuti. Fin-nuqqas ta' dawn, tibqa' l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx. Biex iwaqqa' din il-preżunzjoni kontrih, il-konvenut irid iressaq provi konkordanti u konvinċenti:

> "Is-socjeta` konvenuta tikkampa ruħha fuq il-ħlas. Issa hu veru li, kif paċifikament akkolt, il-pagament ta' dejn jista' jiġi ppruvat mhux biss minn riċevuti imma anke b'mezzi oħra (**Kollez. Vol. XXXVII.i.525**). Daqstant ieħor hu veru wkoll illi min jallega l-pagament għandu jipprovah għas-sodisfazzjon tal-Qorti, u fid-dubju u fin-nuqqas ta' riċevuta għandha tipprevali l-preżunzjoni li d-dejn ma tħallasx, jekk ma jiġix provat, kif del resto ma sarx, b'mezzi oħra li s-socjeta` attriċi hi sodisfatta (**Kollez. Vol. XXXV.iii.604** u **Vol. XLIX.ii.776**)".[18]

Minn eżami tal-provi proċesswali jirriżulta illi l-attur tassew ħareġ l-ammont pretiż minnu fuq il-proġett in kwistjoni bl-eċċezzjoni ta' xi ammonti. Prova li għamel b'mod sod bl-esibizzjoni ta' dokumenti.

Il-konvenuta m'esebiet l-ebda riċevuta ta' xi pagament. Kemm waqt l-eżami kif ukoll fil-kontro-eżami, ma tatx dettalji ta' kif u meta ħallset lura lill-attur. Kull darba li ġiet iffaċċjata b'fatti speċifiċi, qalet li nsiet xi fatti jew imbagħad meta tiġi ppressata biddlet il-verżjoni tagħha. M'hemmx dubju li din ix-xorta ta' prova li

---

[17] Taliana Carmen v Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA[PS].
[18] Hydroelectric Ltd v AMC Electric Ltd 11.10.2006 QA[PS].

għoġobha tressaq il-konvenuta m'għandhiex piż biżżejjed biex tegħleb il-preżunzjoni tan-nuqqas ta' ħlas fl-assenza ta' riċevuti. Prova li hija debboli u kontradittorja. Għall-kuntrarju, provi mressqa mill-attur mhux kontradetti juru nuqqas ta' bona fidi fil-kondotta tal-konvenuta, aktarx immotivata minn sens ta' vendetta billi huwa ħassar l-għerusija u kellu tfajla oħra. Hija m'onoratx wegħdiet li għamlet li tħallsu lura; gidbet dwar il-potenzjal tagħha li tħallas lura l-flus billi ħbiet bejgħ ta' proprjeta` tagħha; u ppruvat tirrikattah biex ma jibqax jinsisti li jieħu flusu lura.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-każ billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

2. Tilqa' parti mill-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenuta debitriċi tal-attur fis-somma ta' €100,369.65 li silifha sabiex tkopri spejjeż relatati mat-twettieq ta' proġett ta' żvilupp ġewwa Sant' Antnin, 77, Triq Oscar Zammit fl-Imsida.

3. Tilqa' parti mit-tieni u t-tielet talba billi tiddikjara li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur l-imgħax mis-17 t'April 2019 sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

4. Tilqa' parti mir-raba' talba billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur il-kapital u l-imgħax hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru. 522/2019LM ippreżentat fis-17 ta' April, 2019.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA